VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L 212 tal-2018

ATT DWAR L-IMMIGRAZZJONI
(KAP. 217)

Regolamenti tal-2018 dwar il-Kondizzjonijiet ta' Dħul u Residenza ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi għall-Finijiet ta' Riċerka, Studji, Taħriġ u Servizz Volontarju fil-(Proġett ta' Mobilità għaż-Żgħażagħ: Proġetti Volontarji)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 36 tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, il-Ministru responsabbli għall-Immigrazzjoni għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

TAQSIMA I
Dispożizzjonijiet Ġenerali

Titolu.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2018 dwar il-Kondizzjonijiet ta' Dħul u Residenza ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi għall-Finijiet ta' Riċerka, Studji, Taħriġ u Servizz Volontarju fil-Proġett ta' Mobilità għaż-Żgħażagħ: Proġetti Volontarji.

(2) Dawn ir-regolamenti jittrasponu d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2016/801/UE tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-kondizzjonijiet tad-dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' riċerka, studji, taħriġ, servizz volontarju, skemi ta' skambju ta' skulari jew proġetti edukattivi u *au pairing* (riformulazzjoni), ħlief għad-dispożizzjonijiet mhux obbligatorji li jikkonċernaw ċittadini ta' pajjiżi terzi li jfittxu dħul u residenza għall-iskopijiet ta':

(a) servizz volontarju ieħor minbarra l-Proġett ta' Mobilità għaż-Żgħażagħ: Proġetti Volontarji;

(b) skemi ta' skambju ta' studenti jew proġetti edukattivi; u

(ċ) *au pairing:*

Iżda l-kategoriji ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jistgħu jiddaħħlu f'Malta għall-iskop imsemmi fil-paragrafi (a), (b) u (ċ), flimkien ma' kull rekwiżit li l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni flimkien mal-awtoritajiet rilevanti tal-impjieg u l-edukazzjoni f'Malta għandhom jistabbilixxu sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'Malta, għandu jkollhom assigurazzjoni tal-mard komprensibbli u riżorsi adegwati li jippermettulhom imantnu lilhom infushom

VERŻJONI ELETTRONIKA

matul iż-żjara awtorizzata tagħhom f'Malta.

Skop.

(3) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti hu li jistabbilixxi:

(a) il-kondizzjonijiet ta' dħul u residenza għal perjodu ta' aktar minn 90 jum f'Malta, u d-drittijiet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, u fejn applikabbli tal-membri tal-familja tagħhom, għall-fini ta' riċerka, studji, taħriġ jew servizz volontarju fil-Proġett ta' Mobilità għaż-Żgħażagħ: Proġetti Volontarji;

(b) il-kondizzjonijiet ta' dħul u residenza, u d-drittijiet tar-riċerkaturi, u fejn applikabbli l-membri tal-familja tagħhom u studenti, imsemmija fil-paragrafu (a) f'Malta, fejn ċittadini ta' pajjiżi terzi ngħataw awtorizzazzjoni f'xi Stat Membru ieħor fuq il-bażi tad-Direttiva 2016/801/UE tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-kondizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' riċerka, studji, taħriġ, servizz volontarju, skemi ta' skambju ta' studenti jew proġetti edukattivi u *au pairing*.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"Aġenzija Identità Malta" tfisser l-Agenzija stabbilita skont l-Ordni li jwaqqaf l-Aġenzija Identità Malta;

L.S. 497.07.

"Att" tfisser l-Att dwar l-Immigrazzjoni;

Kap. 217.

"awtorizzazzjoni" tfisser permess ta' residenza, jew viża għal żmien twil maħruġ għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti;

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni kkostitwit skont l-artikolu 25A ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni;

Kap. 217.

"ċittadin ta' pajjiż terz" tfisser persuna li mhijiex ċittadin tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 20(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

"entità ospitanti" tfisser organizzazzjoni ta' riċerka, istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja, stabbiliment edukattiv, organizzazzjoni responsabbli għall-Proġett ta' Mobilità għaż-Żgħażagħ: skema dwar il-Proġetti Volontarji, jew entità li tospita *trainees* li għalihom iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun assenjat għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti u li tinsab fit-territorju ta' Malta, irrispettivament mill-forma legali tagħha, f'konformità mal-liġi nazzjonali;

"impjieg" tfisser l-eżerċizzju ta' attivitajiet li jkopru kwalunkwe forma ta' xogħol jew xogħol regolat skont il-liġi

VERŻJONI ELETTRONIKA

nazzjonali jew ftehimiet kollettivi applikabbli jew f'konformità ma' prattika stabbilita għal jew taħt id-direzzjoni jew is-superviżjoni ta' min jimpjega;

"istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja" tfisser provditur ta' tagħlim jew ta' riċerka formali mhux formali jew informali li ma tkunx parti mill-edukazzjoni obbligatorja li tista' sservi sabiex tinkiseb kwalifika nazzjonali klassifikata fil-livell 5 tal-Qafas tal-Kwalifiki ta' Malta jew ogħla, jew kwalifika barranija ta' livell komparabbli;

"il-Kunsill" tfisser il-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija;

"membri tal-familja" tfisser ċittadini ta' pajjiżi terzi kif definiti fir-regolament 4(1) tar-Regolamenti dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; L.S. 217.06.

"organizzazzjoni ta' riċerka" tfisser kwalunkwe organizzazzjoni pubblika jew privata li twettaq riċerka u li ġiet approvata għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti mill-Kunsill skont il-proċeduri li l-Kunsill jista' joħroġ minn żmien għal żmien;

"permess ta' residenza" tfisser awtorizzazzjoni maħruġa bl-użu ta' format stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1030/2002 li jintitola lid-detentur tiegħu li jibqa fit-territorju Malti;

"prinċipal" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew kwalunkwe entità legali, li għaliha jew taħt id-direzzjoni jew is-superviżjoni tagħha jkun twettaq l-impjieg;

"proġett edukattiv" tfisser sett ta' azzjonijiet edukattivi żviluppati minn stabbiliment edukattiv Malti f'kooperazzjoni ma' stabbilimenti simili f'pajjiż terz, bil-għan li jaqsmu kulturi u għarfien;

"Proġett ta' Mobiltà għaż-Żgħażagħ: skema dwar il-Proġetti Volontarji" tfisser programm ta' attivitajiet ta' solidarjetà prattika, ibbażat fuq skema rikonoxxuta bħala tali mill-Unjoni, li għandu l-objettivi ta' interess ġenerali mingħajr skop ta' qligħ u li fih l-attivitajiet ma humiex renumerati, ħlief għar-rimborż tal-ispejjez u, jew għal *pocket money*;

"programmi tal-Unjoni jew multilaterali li jinkludu miżuri ta' mobilità " tfisser programmi ffinanzjati mill-Unjoni jew minn Stati Membri li jippromwovu l-mobilità ta' ċittadini ta' pajjiz terz fl-Unjoni jew fl-Istati Membri parteċipanti fil-programmi

VERŻJONI ELETTRONIKA

rispettivi;

"riċerka" tfisser xogħol kreattiv eżegwit fuq bażi sistematika sabiex jiżdied l-għarfien, inkluża l-għarfien dwar il-bniedem, il-kultura u s-soċjetà, u l-użu ta' dan l-għarfien sabiex jiġu żviluppati applikazzjonijiet ġodda;

"riċerkatur" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz li jkollu lawrja dottorali jew kwalifika ta' edukazzjoni għolja adegwata li tagħti lil dak iċ-ċittadin ta' pajjiż terz aċċess għal programmi ta' dottorat, li jiġi magħżul minn organizzazzjoni ta' riċerka u ammess f'Malta għat-twettiq ta' attività ta' riċerka li għaliha tkun normalment meħtieġa dik il-kwalifika;

"stabbiliment edukattiv" tfisser stabbiliment ta' edukazzjoni sekondarja pubblika jew privata, inklużi skejjel, provdituri jew kwalunkwe korp liċenzjat ieħor rikonoxxut minn Malta jew li l-programmi ta' studji tiegħu huma rikonoxxuti skont l-Att dwar l-Edukazzjoni;

Kap. 327.

"Stat Membru" tfisser kull Stat li huwa membru tal-Unjoni Ewropea u li qed jipparteċipa fid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva msemmija fir-regolament 1(2);

"Stat Membru ieħor" tfisser l-Istat Membru li joħroġ awtorizzazzjoni liċ-ċittadin ta' pajjiż terz għall-ewwel darba abbażi tad-Direttiva msemmija fir-regolament 1(2);

"student" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz li ġie aċċettat minn istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja u li jkun ammess f'Malta biex isegwi bħala attività ewlenija kors ta' studju full-time li jwassal għal kwalifika ta' edukazzjoni għolja rikonoxxuta miċ-Ċentru ta' Informazzjoni għar- Rikonoxximent ta' Kwalifiki ta' Malta , inklużi diplomi, ċertifikati jew lawrji dottorali f'istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja, li jistgħu ikopru kors preparatorju qabel tali l-edukazzjoni, skont il-liġi ta' Malta, jew taħriġ obbligatorju;

"it-tieni Stat Membru" tfisser l-Istat Membru li fih iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jiċċaqlaq wara li jkun ingħata l-awtorizzazzjoni minn Malta bħala l-Istat Membru l-ieħor;

"*trainee*" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz li għandu lawrja ta' edukazzjoni għolja jew li qed isegwi kors ta' studju f'pajjiż terz li jwassal għal lawrja ta' edukazzjoni għolja u li jkun ammess fit-territorju ta' Malta għal programm ta' taħriġ għall-fini li jikseb għarfien, prattika u esperjenza f'ambjent professjonali;

VERŻJONI ELETTRONIKA

"Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni" tfisser l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni, Immaniġġjar tal-Identità u Servizzi Anċillari' li jkun responsabbli għall-prestazzjoni, il-funzjonijiet u d-dmirijiet tal-Aġenzija Identità Malta skont l-Ordni li Jwaqqaf l-Aġenzija Identità Malta; L.S. 497.07.

"viża għal żmien twil" tfisser awtorizzazzjoni maħruġa skont kif hemm stipulat fl-Artikolu 18 tal-Konvenzjoni ta' Schengen;

"voluntier" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz li jkun ammess f'Malta biex jieħu sehem fi skema tal-Proġett ta' Mobilità għaż-Żgħażagħ: Proġetti Volontarji.

Applikabilità.

3. (1) Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li japplikaw biex jiġu ammessi jew li ġew ammessi f'Malta għall-iskop li jagħmlu riċerka, studji, taħriġ jew servizz volontarju fil-Proġett ta' Mobilità għaż-Żgħażagħ: Proġetti Volontarji.

(2) Dawn ir-regolamenti m'għandhomx japplikaw għal ċittadini ta' pajjiżi terzi:

(a) li jfittxu protezzjoni internazzjonali jew li huma benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali skont l-Att dwar ir-Rifuġjati, Regolamenti dwar l-Istandards ta' Proċedura għall-Għoti u l-Irtirar tal-Protezzjoni Internazzjonali u d-Direttiva tal-Kunsill 2011/95 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali għal stat uniformi għar-refuġjati jew persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija, jew li huma benefiċjarji ta' protezzjoni temporanja skont ir-Regolamenti dwar Standards Minimi għall-Protezzjoni Temporanja ta' Rifuġjati u d-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/EC dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influss bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jġorru l-konsegwenzi ta' dawn; Kap. 420. L.S. 420.07. L.S. 420.05.

(b) li t-tkeċċija tagħhom ġiet sospiża għal raġunijiet ta' fatt jew ta' liġi;

(ċ) li huma membri tal-familja ta' ċittadini tal-Unjoni li eżerċitaw id-dritt tagħhom għall-moviment ħieles fl-Unjoni;

(d) li jgawdu status ta' resident fit-tul fi Stat Membru skont ir-Regolamenti dwar Status ta' Residenti li Joqogħdu għal L.S. 217.05.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi) u d-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiz terz li jkunu residenti fit-tul;

(e) li jgawdu, flimkien mal-membri tal-familja tagħhom, u rrispettivament min-nazzjonalità tagħhom, drittijiet ta' moviment ħieles ekwivalenti għal dawk taċ-ċittadini tal-Unjoni skont ftehimiet jew bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha u pajjiżi terzi jew bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi;

L.S. 217.21.

(f) li jiġu fl-Unjoni bħala *trainees* impjegati fil-kuntest ta' trasferiment intra-ażjendali taħt r-Regolamenti dwar il-Kondizzjonijiet għad-Dħul u Residenza ta' Ċittadini ta' Pajjiz Terz, fil-Qafas ta' Trasferimenti Intra-ażjendali u d-Direttiva tal-Kunsill 2014/66/UE dwar il-Kondizzjonijiet għad-dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiż terz fil-qafas ta' trasferimenti intra-ażjendali;

L.S. 217.15.

(g) li huma ammessi bħala ħaddiema bi kwalifiki għoljin skont ir-Regolamenti dwar il-Kondizzjonijiet ta' Dħul u Residenza ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi għall-Finijiet ta' Impjieg bi Kwalifiki Għolja u d-Direttiva tal-Kunsill 2009/50/KE tal-25 ta' Mejju 2009 dwar il-kondizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiż terz għall-finijiet ta' impjieg bi kwalifiki għoljin.

Dispożizzjonijiet aktar favorevoli.

4. Dawn ir-regolamenti għandhom ikunu bla ħsara għal dispożizzjonijiet iktar favorevoli ta':

(a) ftehimiet bilaterali jew multilaterali konklużi bejn l-Unjoni jew l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha u pajjiż terz wieħed jew aktar; jew

(b) ftehimiet bilaterali jew multilaterali konklużi bejn Malta u Stat Membru wieħed jew aktar u pajjiż terz wieħed jew aktar.

TAQSIMA II
Kondizzjonijiet għall-ammissjoni

Kriterji u rekwiżiti għall-ammissjoni.

5. (1) L-ammissjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz taħt dawn ir-regolamenti għandha tkun soġġetta għall-verifika ta' evidenza dokumentata, li għandha tkun bil-lingwa Maltija jew Ingliża, li turi li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jilħaq:

(a) il-kondizzjonijiet ġenerali stabbiliti fir-regolament 7; u

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) il-kondizzjonijiet speċifiċi rilevanti fir-regolamenti 8, 11, 12 jew 13.

(2) Meta l-kondizzjonijiet ġenerali u l-kondizzjonijiet speċifiċi rilevanti jiġu sodisfatti, iċ-ċittadin ta' 'pajjiż terz għandu jkun intitolat għal awtorizzazzjoni:

Iżda meta awtorizzazzjoni tkun fil-format ta' permess ta' residenza u l-kondizzjonijiet kollha għall-ammissjoni stabbiliti fir-regolamenti jkunu ġew sodisfatti, għandha tinħareġ viża, fejn dan ikun meħtieġ, bil-għan li tippermetti lill-persuna li tivvjaġġja lejn Malta.

Volumi ta' ammissjoni.

6. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, l-awtoritajiet pertinenti għandhom jiddeterminaw skont l-Artikolu 79 (5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-volumi ta' ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiż terz msemmija fir-regolament 3(1) ta' dawn ir-regolamenti:

Iżda, fir-rigward tal-istudenti, l-awtoritajiet pertinenti jistgħu jew jikkunsidraw applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni bħala inammissibbli, jew miċħuda, jekk iqisu li l-istudenti huma jew se jkunu f'relazzjoni ta' impjieg.

Kondizzjonijiet Ġenerali.

7. (1) Ċittadin ta' pajjiż terz li japplika għall-ammissjoni taħt dawn ir-regolamenti għandu jissottometti d-dokumenti li ġejjin lill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni:

(a) dokument tal-ivvjaġġar validu u, jekk mitlub, applikazzjoni għal viża jew inkella għal viża valida jew, fejn applikabbli, permess ta' residenza validu jew viża valida għal żmien twil; il-perjodu ta' validità tad-dokument tal-ivvjaġġar għandu jkopri mill-inqas it-tul ta' permanenza ppjanata;

(b) jekk l-applikant huwa minorenni, awtorizzazzjoni tal-ġenituri jew dokument ekwivalenti għall-permanenza ippjanat;

(ċ) evidenza li hu jkun applika għal assigurazzjoni tal-mard għar-riskji kollha normalment koperti għaċ-ċittadini Maltin li għandha tkun valida għal kemm iddum il-permanenza ppjanat;

(d) evidenza li kull dritt li jista' jkun applikabbli ikun tħallas;

(e) evidenza li matul il-permanenza ppjanata, l-applikant ikollu riżorsi suffiċjenti biex ikopri spejjeż ta' sussistenza mingħajr ma jirrikorri għas-sistema ta' assistenza soċjali nazzjonali f'Malta kif ukoll biex ikopri l-ispejjeż għall-vjaġġ lura:

VERŻJONI ELETTRONIKA

Iżda l-valutazzjoni tar-riżorsi suffiċjenti għandha tkun ibbażata fuq eżami individwali tal-każ u għandha tqis ir-riżorsi li jkunu ġejjin, fost l-oħrajn, minn għotja, borża ta' studju jew *fellowship*, kuntratt ta' xogħol validu jew offerta vinkolanti ta' impjieg jew impenn finanzjarju minn entità li tospita t-*trainees*, jew organizzazzjoni għall-Proġett ta' Mobilità għaż-Żgħażagħ: skema ta' Proġetti Volontarji:

Iżda wkoll id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (ċ), (d) u (e) m'għandhomx japplikaw għal riċerkatur ospitat minn organizzazzjoni ta' riċerka approvata *ai termini* tar-regolament 9 fejn dawn il-kondizzjonijiet jkunu ġew miftiehma bejn l-organizzazzjoni ta' riċerka ospitanti u r-riċerkatur u inklużi fil-ftehim ta' akkoljenza.

(2) L-applikant jista' jkun meħtieġ li jipprovdi l-indirizz tal-post ta' residenza prinċipali tiegħu f'Malta:

Iżda, jekk l-applikant ma jistax jipprovdi l-indirizz futur tiegħu fil-mument tal-applikazzjoni, l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni għandu jaċċetta indirizz temporanju u l-applikant għandu jipprovdi l-indirizz permanenti tiegħu qabel il-ħruġ tal-awtorizzazzjoni skont ir-regolament 15.

(3) L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jista' jindika ammont ta' referenza li huwa jqis li jikkostitwixxi "riżorsi suffiċjenti" kif imsemmi fis-subregolament (1)(e). Il-valutazzjoni tar-riżorsi suffiċjenti għandha tkun ibbażata fuq eżami individwali tal-każ.

(4) L-applikazzjoni għandha tiġi ppreżentata u eżaminata jew meta l-applikant ikkonċernat ikun qed jirresjedi barra minn Malta jew meta l-applikant ikun diġà qed jirrisjedi f'Malta bħala detentur ta' permess ta' residenza validu jew viża għal żmien twil:

Iżda, l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jista' jaċċetta applikazzjoni ppreżentata meta l-applikant ikkonċernat ma jkunx fil-pussess ta' permess ta' residenza validu jew viża valida għal żmien twil iżda jkun legalment preżenti f'Malta.

(5) L-applikazzjoni għandha tiġi ppreżentata miċ-ċittadin ta' pajjiż terz u approvata mill-entità ospitanti.

(6) Ċittadin ta' pajjiż terz li huwa kkunsidrat bħala theddida għall-ordni pubblika, is-sigurtà pubblika jew is-saħħa pubblika m'għandux jiġi ammess.

Kondizzjonijiet speċifiċi għar-riċerkaturi.

8. (1) Bla ħsara għal kondizzjonijiet ġenerali stabbiliti fir-regolament 7, ċittadin ta' pajjiż terz li jippreżenta applikazzjoni għall-

VERŻJONI ELETTRONIKA

ammissjoni bil-għan ta' riċerka għandu jippreżenta ftehim ta' akkoljenza li għandu jispeċifika r-relazzjoni legali u l-kondizzjonijiet tax-xogħol tar-riċerkatur, li jkun iffirmat mir-riċerkatur u l-organizzazzjoni ta' riċerka, sakemm:

(a) l-proġett ta' riċerka jkun ġie aċċettat mill-awtoritajiet relevanti fi ħdan l-organizzazzjoni ta' riċerka, wara li dawn l-awtoritajiet eżaminaw l-għan, iż-żmien tar-riċerka, ir-riżorsi finanzjarji neċessarji u disponibbli sabiex il-proġett jitwettaq u l-kwalifiki ta' riċerkatur fil-kuntest tal-għanijiet ta' riċerka, liema kwalifiki għandhom jiġu ppruvati bil-kopja taċ-ċertifikat tal-kwalifiki tiegħu;

(b) l-organizzazzjoni ta' riċerka tkun għamlet dikjarazzjoni tar-responsabilità finanzjarja, li għandha tiġi mitmuma, mhux iktar tard minn sitt xhur wara l-iskadenza tal-ftehim ta' akkoljenza, fejn tiddikjara li fil-każijiet fejn ir-riċerkatur jibqa' illegalment f'Malta, dik l-organizzazzjoni ta' riċerka tkun responsabbli għar-rimborz tal-ispejjeż relatati mal-permanenza u ritorn, jekk dawn l-ispejjeż ikunu tħallsu mill-Gvern Malti:

Iżda, meta d-dritt ta' residenza tar-riċerkatur jiġi estiż skont ir-regolament 22, ir-responsabilità ta' din l-organizzazzjoni ta' riċerka kif imsemmija fis-subregolament (1)(b) għandha tkun limitata sad-data tal-bidu tal-permess ta' residenza għal skop ta' tfittix ta' impjieg jew ta' intraprenditorija.

Approvazzjoni tal-organizzazzjonijiet ta' riċerka.

9. (1) Organizzazzjoni ta' riċerka li tixtieq tospita riċerkatur skont il-proċedura stabbilita f'dawn ir-regolamenti, għandha tiġi approvata għal dan il-għan mill-Kunsill skont il-proċeduri stabbiliti minnu.

(2) L-approvazzjoni mogħtija mill-Kunsill taħt is-subregolament (1) għandha tkun valida għal perjodu minimu ta' ħames snin; f'każijiet eċċezzjonali tista' tingħata approvazzjoni għal perjodu iqsar.

(3) F'Jannar ta' kull sena, il-Kunsill għandu jippubblika lista ta' organizzazzjonijiet ta' riċerka approvati għall-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti fil-Gazzetta tal-Gvern u fis-sit uffiċjali tal-Kunsill.

(4) Il-Kunsill jista' jirrifjuta li jġedded jew jista' jiddeċiedi li jirtira l-approvazzjoni tal-organizzazzjoni ta' riċerka fejn:

(a) ma tkunx baqgħet tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti mill-Kunsill għall-għanijiet tas-subregolament (1), tad-

VERŻJONI ELETTRONIKA

dispożizzjonijiet tar-regolament 8(1)(b) jew tad-dispożizzjonjiet tar-regolament 10(8); jew

(b) tonqos milli tipprovdi lill-Kunsill, fi żmien xahrejn mid-data ta' skadenza tal-ftehim ta' akkoljenza msemmi fir-regolament 10, bil-konferma li l-impjieg ikun sar għal kull proġett ta' riċerka li fir-rigward tiegħu l-ftehim ta' akkoljenza jkun ġie ffirmat; jew

(ċ) f'każijiet meta l-approvazzjoni tkun inkisbet b'mod frawdolenti; jew

(d) l-organizzazzjoni ta' riċerka imsemmija tkun iffirmat il-ftehim ta' akkoljenza ma' ċittadin ta' pajjiż terz b'mod frawdolenti jew b'negliġenza.

(5) Meta l-approvazzjoni tal-organizzazzjoni ta' riċerka tkun ġiet irrifjutata jew fejn l-approvazzjoni tkun ġiet irtirata għar-raġunijiet imsemmija fis-subregolament 4, din l-organizzazzjoni ma tkunx tista' tapplika mill-ġdid għall-approvazzjoni għal perjodu li għandu jiġi determinat mill-Kunsill liema perjodu m'għandux ikun iktar minn ħames snin mid-data tan-notifikazzjoni tad-deċiżjoni dwar in-nuqqas ta' tiġdid jew l-irtirar.

Ftehim ta' akkoljenza.

10. (1) Organizzazzjoni ta' riċerka li tixtieq tospita riċerkatur għandha tiffirma ftehim ta' akkoljenza ma' dak ir-riċerkatur skont il-proċeduri stipulati mill-Aġenzija Identità Malta b'konsultazzjoni mal-Kunsill u suġġett għal kondizzjonijiet tar-regolament 8 fejn ir-riċerkatur jikkommetti ruħu li jlesti l-proġett ta' riċerka u l-organizzazzjoni tikkommetti ruħha li tospita r-riċerkatur għal dan il-għan.

(2) Ftehim li jkun fih l-elementi msemmija fis-subregolament (3) u fejn applikabbli fis-subregolament (4), għandhom jiġu kkunsidrati bħala ekwivalenti għal ftehim ta' akkoljenza għall-għan ta' dawn ir-regolamenti.

(3) I l-ftehim ta' akkoljenza għandu jkun fih:

(a) it-titolu jew il-fini tal-attività ta' riċerka jew il-qasam ta' riċerka;

(b) impenn miċ-ċittadin ta' pajjiż terz biex jaħdem għat-tlestija tal-attività ta' riċerka;

(ċ) impenn mill-organizzazzjoni ta' riċerka biex tospita ċittadin ta' pajjiż terz bil-għan li jlesti l-attività ta' riċerka;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(d) id-data ta' meta tibda jew tintemm attività ta' riċerka jew it-tul ta' żmien stmat tagħha;

(e) informazzjoni dwar il-mobilità intenzjonata fit-tieni Stat Membru wieħed jew aktar jekk dik il-mobilità hija magħrufa fil-ħin tal-applikazzjoni f'Malta.

(4) Il-ftehim ta' akkoljenza jista' jkun fih ukoll:

(a) informazzjoni dwar ir-relazzjoni legali bejn l-organizzazzjoni tar-riċerka u r-riċerkatur;

(b) informazzjoni dwar il-kondizzjonijiet tax-xogħol tar-riċerkatur.

(5) L-organizzazzjonijiet ta' riċerka jistgħu jiffirmaw ftehim ta' akkoljenza biss jekk l-attività ta' riċerka tkun ġiet aċċettata minn dik l-organizzazzjoni, wara li ssir verifika ta' li ġej:

(a) l-għan u t-tul ta' żmien stmat tal-attività ta' riċerka, u d-disponibbilità tar-riżorsi finanzjarji meħtieġa sabiex din titwettaq; u

(b) il-kwalifiki taċ-ċittadin ta' pajjiż terz fid-dawl tal-għanijiet tar-riċerka, kif evidenzjat minn kopja awtentikata tal-kwalifiki.

(6) Il-ftehim ta' akkoljenza għandu jiskadi awtomatikament meta r-riċerkatur ma jibqax ammess f'Malta jew meta r-relazzjoni legali, kif provdut fir-regolament 8, bejn ir-riċerkatur u l-organizzazzjoni ta' riċerka tintemm.

(7) L-organizzazzjonijiet ta' riċerka għandhom minnufih jinfurmaw lill-Aġenzija Identità Malta u lill-Kunsill bi kwalunkwe avveniment li x'aktarx jimpedixxi l-implimentazzjoni tal-ftehim ta' akkoljenza.

(8) Fi żmien xahrejn mid-data tal-iskadenza tal-ftehim ta' akkoljenza, l-organizzazzjoni ta' riċerka għandha tipprovdi lill-Kunsill l-konferma li l-attività ta' riċerka ġiet imwettqa.

(9) Meta l-approvazzjoni tal-ftehim ta' akkoljenza eżistenti tkun irtirata jew ma tiġġeddidx, l-organizzazzjoni tar-riċerka tista' tappella lill-Bord. Ir-riċerkatur għandu jkollu awtorizzazzjoni biex jibqa' f'Malta sakemm tittieħed deċiżjoni mill-Bord fir-rigward tiegħu.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Kondizzjonijiet speċifiċi għall-istudenti.

11. (1) Minbarra l-kondizzjonijiet ġenerali stipulati fir-regolament 7, ċittadin ta' pajjiż terz li jippreżenta l-applikazzjoni għall-ammissjoni għall-fini ta' studji, għandu jipprovdi evidenza li:

(a) gie aċċettat minn istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja biex jagħmel kors ta' studju;

(b) l-miżati mitluba mill-istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja tħallsu;

(ċ) għandu għarfien suffiċjenti tal-lingwa tal-kors li ser jiġi segwit;

(d) ser ikollu riżorsi suffiċjenti biex ikopri l-ispejjeż tal-istudji.

(2) Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li awtomatikament jikkwalifikaw għal assigurazzjoni medika għar-riskji kollha li normalment ikunu koperti għalihom iċ-ċittadini Maltin, bħala riżultat ta' reġistrazzjoni f'istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja, għandhom jitqiesu li jilħqu l-kondizzjoni stabbilita fir-regolament 7(1)(ċ).

(3) L-applikant għandu jiġi eżentat milli jippreżenta wieħed jew aktar mid-dokumenti jew evidenza msemmijin fis-subregolamenti (1)(b), (1)(ċ), jew (1)(d), jew ir-regolamenti 7(1)(d) jew (2), fejn huwa kien ser jiġi ospitat minn istituzzjoni ta' edukazzjoni għlja approvata *ai termini* tar-regolament 14.

Kondizzjonijiet speċifiċi għat-*trainees.*

12. (1) Minbarra l-kondizzjonijiet ġenerali stabbiliti fir-regolament 7, ċittadin ta' pajjiż terz li se jippreżenta applikazzjoni għall-ammissjoni għall-fini ta' taħriġ, għandu:

(a) jippreżenta ftehim ta' taħriġ, li jipprovdi għal taħriġ teoretiku u prattiku, ma' entità ospitanti. L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jista' jesiġi li dak il-ftehim ta' taħriġ ikun approvat mill-awtorità responsabbli għall-impjieg u mill-awtoritajiet edukattivi pertinenti u li t-termini li fuqhom il-ftehim ikun gie bbażat jilħqu r-rekwiżiti stabbiliti mill-liġi, ftehim kollettiv jew prattiċi. Il-ftehim ta' taħriġ għandu jinkludi:

(i) deskrizzjoni tal-programm ta' taħriġ, inkluż l-għan edukattiv jew il-komponenti ta' tagħlim;

(ii) it-tul ta' żmien ta' *traineeship*;

(iii) il-kondizzjonijiet ta' kollokament u tas-superviżjoni tat-*traineeship*;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(iv) is-siegħat tat-*traineeship*; u

(v) ir-relazzjoni legali bejn it-*trainee* u l-entità ospitanti;

(b) jipprovdi evidenza li kiseb lawrja ta' edukazzjoni għolja fis-sentejn li jippreċedu d-data tal-applikazzjoni jew li qed isegwi kors ta' studju li jwassal għal lawrja ta' edukazzjoni għolja;

(ċ) jipprovdi evidenza, li matul il-permanenza hu ser ikollu riżorsi suffiċjenti biex ikopri l-ispejjeż tat-taħriġ;

(d) jipprovdi evidenza, li hu irċieva jew ser jirċievi taħriġ fil-lingwa sabiex jakkwista l-għarfien meħtieġ għall-fini tat-*traineeship*;

(e) jipprovdi evidenza li l-entità ospitanti taċċetta li tkun responsabbli għalih, matul il-permanenza kollha fit-territorju ta' Malta, b'mod partikolari fejn għandhom x'jaqsmu spejjeż ta' sussistenza u ta' akkomodazzjoni;

(f) jipprovdi evidenza, li jekk hu jingħata akkomodazzjoni matul il-permanenza mill-entità ospitanti, l-akkomodazzjoni tkun tilħaq il-kondizzjonijiet skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi.

(2) It-*traineeship* għandu jkun fl-istess qasam u fl-istess livell ta' kwalifika daqs il-lawrja ta' edukazzjoni għolja jew il-kors ta' studju msemmi fis-subregolament (1)(b).

(3) L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni għandu jesiġi li l-entità ospitanti tissostanzja li t-*traineeship* ma jiħux il-post ta' impjieg.

(4) L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni għandu jeżiġi impenn bil-miktub mill-entità ospitanti li, f'każijiet fejn *trainee* jibqa' illegalment fit-territorju ta' Malta, dik l-entità ospitanti tkun responsabbli għar-rimborż tal-ispejjeż relatati mal-permanenza u r-ritorn tat-*trainee* li jkunu tħallsu mill-fondi pubbliċi. Ir-responsabbiltà finanzjarja tal-entità ospitanti għandha tintemm sa mhux iktar tard minn sitt xhur wara li jintemm il-ftehim ta' taħriġ.

Kondizzjonijiet speċifiċi għal voluntiera li jipparteċipaw fil-Proġett ta' Mobilità għaż-Żgħażagħ: Proġetti Volontarji.

13. Minbarra l-kondizzjonijiet ġenerali stabbiliti fir-regolament 7, ċittadin ta' pajjiż terz li japplika għall-ammissjoni għall-fini ta' servizz volontarju u li qed jipparteċipa fil-Proġett ta' Mobilità għaż-Żgħażagħ: Proġetti Volontarji, għandu:

(a) jipprovdi ftehim mal-entità ospitanti jew korp ieħor

VERŻJONI ELETTRONIKA

responsabbli għall-iskema ta' servizz volontarju li fiha hu jkun qed jipparteċipa. Il-ftehim għandu jinkludi:

(i) deskrizzjoni tal-iskema ta' servizz volontarju;

(ii) it-tul ta' żmien tas-servizz volontarju;

(iii) il-kondizzjonijiet ta' kollokament u ta' superviżjoni tas-servizz volontarju;

(iv) in-numru ta' siegħat ta' volontarjat;

(v) ir-riżorsi disponibbli biex ikopri l-ispejjeż tiegħu ta' sussistenza u ta' akkomodazzjoni u somma minima ta' flus bħala *pocket money* għal matul il-permanenza; u

(vi) fejn applikabbli, it-taħriġ li ser jirċievi biex jgħinu jwettaq is-servizz ta' volontarjat;

(b) jipprovdi evidenza li, jekk hu jingħata akkomodazzjoni mill-entità ospitanti matul il-permanenza, l-akkomodazzjoni tkun tilħaq il-kondizzjonijiet stabbiliti mill-liġi.

Approvazzjoni ta' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja, stabbilimenti edukattivi, organizzazzjonijiet responsabbli għal skema ta' servizz volontarju jew entitajiet li jospitaw *trainees*.

14. (1) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, l-awtoritajiet pertinenti edukattivi għandhom jistabbilixxu *quality label* għal istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja, stabbilimenti edukattivi, organizzazzjonijiet responsabbli minn skema ta' servizz volontarju jew entitajiet li jospitaw *trainees*.

(2) Il-*quality label* għandha tikkonforma mal-proċeduri stabbiliti fil-prattika amministrattiva.

(3) Meta l-*quality label* tkun ġiet stabbilita skont is-subregolamenti (1) u (2), għandha tipprovdi informazzjoni ċara u trasparenti lill-entitajiet ospitanti konċernati, dwar, fost l-oħrajn, il-kondizzjonijiet u l-kriterji biex tinkiseb il-*quality label*, il-perjodu ta' validità tagħha, il-konsegwenzi tan-nonkonformità, inkluż il-possibbilità ta' rtirar jew nuqqas ta' tiġdid, kif ukoll dwar kwalunkwe sanzjoni applikabbli.

TAQSIMA III
L-Awtorizzazzjonijiet u t-Tul ta' Żmien ta' Residenza

Awtorizzazzjonijiet.

15. Meta l-awtorizzazzjoni tkun fil-forma ta' permess ta' residenza, l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni għandu juża il-format stipulat fir-Regolament (KE) Nru 1030/2002 u għandu jinkludi t-terminu "riċerkatur", "student", "*trainee*" jew "voluntier" fuq dan il-permess ta'

VERŻJONI ELETTRONIKA

residenza.

(2) Meta l- awtorizzazzjoni tkun fil-forma ta' viża għal żmien twil, l-awtoritajiet responsabbli għall-ħruġ tal-viża għandhom idaħħlu referenza li tiddikjara li din qed tinħareġ lil "riċerkatur", "student", "*trainee*" jew "voluntier" taħt l-intestatura "rimarki" fuq l-istiker tal-viża.

(3) Għal riċerkaturi u studenti li ġejjin fl-Unjoni fil-qafas ta' programm speċifiku tal-Unjoni jew multilaterali li jinkludi miżuri ta' mobilità, jew ftehim bejn żewġ istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja rikkonoxxuti jew aktar, l-awtorizzazzjoni għandha tagħmel referenza għal dak il-programm jew ftehim speċifiku.

(4) Meta l-awtorizzazzjoni għal mobilità fuq perjodu twil tinħareġ lil riċerkatur fil-forma ta' permess ta' residenza, l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni għandu juża l-format stipulat fir-Regolament (KE) Nru 1030/2002 u jdaħħal "mobilità-riċerkatur" fuq il-permess ta' residenza.

(5) Meta l-awtorizzazzjoni għall-mobilità għal perjodu twil tinħareġ lil riċerkatur fil-forma ta' viża għal żmien twil, l-awtoritajiet responsabbli għal ħruġ ta' viża għandhom idaħħlu "mobilità-riċerkatur" taħt l-intestatura "rimarki" fuq l-istiker tal-viża.

It-tul taż-żmien tal-awtorizzazzjoni.

16. (1) Il-perjodu ta' validità ta' awtorizzazzjoni għar-riċerkaturi għandu jkun mill-anqas sena, jew għat-tul tal-ftehim ta' akkoljenza fejn dan ikun iqsar u l-awtorizzazzjoni għandha tkun imġedda sakemm dan ma jkunx eskluż kif provdut fir-regolament 18:

Iżda l-perjodu ta' awtorizzazzjoni għar-riċerkaturi li huma koperti minn programmi tal-Unjoni jew multilaterali li jinkludu l-miżuri ta' mobilità għandu jkun minn tal-anqas sentejn, jew għat-tul tal-perjodu tal-ftehim ta' akkoljenza fejn dan ikun iqsar:

Iżda wkoll, jekk il-kondizzjonijiet ġenerali stabbiliti fir-regolament 7 ma jintlaħqux għas-sentejn jew għall-perjodu kollu tal-ftehim ta' akkoljenza, għandu japplika l-ewwel paragrafu ta' dan is-subregolament. L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni għandu jżomm id–dritt li jivverifika li r-raġunijiet għall-irtirar stabbiliti fir-regolament 18 ma japplikawx.

(2) Il-perjodu ta' validità ta' awtorizzazzjoni għall-istudenti għandu jkun mill-anqas sena, jew għat-tul tal-istudji fejn dan ikun iqsar u l-awtorizzazzjoni għandha tkun imġedda sakemm dan ma jkunx eskluż kif provdut fir-regolament 18:

Iżda, il-perjodu ta' awtorizzazzjoni għall-istudenti li huma

VERŻJONI ELETTRONIKA

koperti minn programmi tal-Unjoni jew programmi multilaterali li jinkludu miżuri ta' mobilità jew minn ftehim bejn żewġ istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja jew aktar għandu jkun mill-anqas sentejn, jew għat-tul tal-istudji tagħhom fejn dan ikun iqsar:

Iżda wkoll, jekk il-kondizzjonijiet ġenerali stabbiliti fir-regolament 7 ma jintlaħqux għas-sentejn jew għall-perjodu kollu ta' studju, għandu japplika l-ewwel paragrafu ta' dan is-subregolament. L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni għandu jżomm id-dritt li jivverifika li r-raġunijiet għall-irtirar stabbiliti fir-regolament 18 ma japplikawx.

(3) L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jista' jiddetermina li l-perjodu totali ta' residenza għall-istudji ma għandux jaqbeż it-tul ta' żmien massimu tal-istudji, kif jista' jiġi provdut fil-liġi nazzjonali.

(4) Il-perjodu ta' validità għal awtorizzazzjoni għat-*trainees* għandu jkun għat-tul tal-ftehim ta' taħriġ fejn dan ikun iqsar minn sitt xhur, jew għal massimu ta' sitt xhur:

Iżda, jekk il-perjodu tal-ftehim ikun ta' aktar minn sitt xhur, it-tul tal-validità tal-awtorizzazzjoni jista' jikkorrispondi mal-perjodu kkonċernat li jkun suġġett għall-approvazzjoni tal-awtoritajiet pertinenti edukattivi. L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni, f'konsultazzjoni mal-awtoritajiet pertinent edukattivi, jista' jiddeċidi li jippermetti darba t-tiġdid tal-awtorizzazzjoni għall-perjodu meħtieġ biex jitlesta t-*traineeship*, jekk id-dispożizzjonijiet tar-regolament 18 ma japplikawx.

(5) Il-perjodu ta' validità ta' awtorizzazzjoni għall-voluntiera għandu jkun għat-tul tal-ftehim imsemmi fir-regolament (13)(a) fejn dan ikun iqsar minn sena, jew għal perjodu massimu ta' sena:

Iżda, jekk il-perjodu ta' validità tal-awtorizzazzjoni għall-voluntiera jkun ta' aktar minn sena, it-tul tal-validità tal-awtorizzazzjoni jista' jikkorrispondi mal-perjodu kkonċernat li jkun suġġett għall-approvazzjoni tal-awtoritajiet pertinenti edukattivi. L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni, f'konsultazzjoni mal-awtoritajiet pertinent edukattivi, jista' jiddeċiedi li jippermetti darba t-tiġdid tal-awtorizzazzjoni għall-perjodu meħtieġ biex jitlesta is-servizz volontarju, jekk id-dispożizzjonijiet tar-regolament 18 ma japplikawx.

(6) L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jew l-awtoritajiet responsabbli għal ħruġ ta' viża jistgħu jiddeterminaw li, fil-każ li l-validità tad-dokument tal-ivvjaġġar taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat tkun inqas minn sena jew inqas minn sentejn fil-każijiet imsemmija fis-subregolamenti (1) u (2), il-perjodu ta' validità tal-awtorizzazzjoni m'għandiex taqbeż il-perjodu ta' validità tad-dokument tal-ivvjaġġar.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(7) Meta l-awtoritajiet pertinenti jippermettu d-dħul u r-residenza matul l-ewwel sena abbażi ta' viża għal żmien twil, l-applikazzjoni għal permess ta' residenza għandha tiġi ppreżentata lill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni, qabel l-iskadenza tal-viża għal żmien twil u l-permess ta' residenza għandu jinħareġ jekk id-dispożizzjonijiet tar-regolament 18 ma japplikawx.

TAQSIMA IV
Raġunijiet għal rifjut, irtirar jew għal nuqqas ta' tiġdid tal-awtorizzazzjonijiet

Raġunijiet għal rifjut.

17. (1) L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni għandu jirrifjuta applikazzjoni fejn:

(a) il-kondizzjonijiet ġenerali stabbiliti fir-regolament 7 u l-kondizzjonijiet speċifiċi rilevanti stipulati fir-regolamenti 8, 11, 12 jew 13 ma jintlaħqux;

(b) id-dokumenti ppreżentati jkunu ġew akkwistati b'mod frawdolenti, jew iffalsifikati, jew imbagħbsa;

(ċ) l-entità ospitanti ma tkunx ġiet approvata;

(d) l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni għandu evidenza jew raġunijiet serji u oġġettivi li jistabbilixxu li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz se jirrisjedi għal skopijiet differenti minn dawk li għalihom huwa applika biex jiġi ammess.

(2) Applikazzjoni tista' tiġi rrifjutata fejn:

(a) l-entità ospitanti jew korp ieħor kif imsemmi fir-regolament (13)(a), ikunu naqsu milli jissodisfaw l-obbligi legali tagħhom fir-rigward tas-sigurtà soċjali, tassazzjoni, drittijiet tal-impjieg jew kondizzjonijiet tal-impjieg;

(b) fejn applikabbli, it-termini ta' impjieg kif provduti fil-liġi jew fi ftehim kollettiv jew prattika f'Malta ma jintlaħqux mill-entità ospitanti li ser timpjega ċ-ċittadin ta' pajjiż terz;

(ċ) l-entità ospitanti jew korp ieħor kif imsemmi fir-regolament 13(a), ikunu ġew sanzjonati skont il-liġi minħabba xogħol mhux iddikjarat jew impjieg illegali;

(d) l-entità ospitanti ġiet stabbilita jew topera bil-għan ewlieni li tiffaċilita d-dħul ta' ċittadini ta' pajjiż terz li jaqgħu taħt dawn ir-regolamenti;

VERŻJONI ELETTRONIKA

Kap. 386.

(e) in-negozju tal-entità ospitanti qiegħed jiġi stralċjat jew ġie stralċjat skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Kumpanniji jew jekk ma tkunx qed issir attività ekonomika.

(3) Fejn ċittadin ta' pajjiż terz japplika biex ikun ammess f'relazzjoni ta' impjieg tax-xogħol f'Malta, l-awtoritajiet responsabbli għall-impjieg jistgħu jivverifikaw jekk il-post inkwistjoni jistax jimtelà minn ċittadini Maltin jew minn ċittadini oħra tal-Unjoni, jew minn ċittadini ta' pajjiż terz li jirrisjedu legalment f'Malta, f'liema każ, l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jista jirrifjuta l-applikazzjoni. Din id-dispożizzjoni għandha tapplika bla ħsara għall-prinċipju tal-preferenza għaċ-ċittadini tal-Unjoni kif espress fid-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat tal-Adeżjoni.

(4) Bla ħsara għas-subregolament (1), kwalunkwe deċiżjoni li tiġi rifjutata applikazzjoni għandha tieħu kont taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ u tirrispetta l-prinċipju ta' proporzjonalità.

Raġunijiet għall-irtirar jew għar-rifjut ta' tiġdid ta' awtorizzazzjoni.

18. (1) L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni għandu jirtira jew, fejn applikabbli, jirrifjuta li jġedded awtorizzazzjoni fejn:

(a) iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jibqax jissodisfa l-kondizzjonijiet ġenerali stabbiliti fir-regolament 7, ħlief għar-regolament 7(6), jew il-kondizzjonijiet speċifiċi rilevanti stipulati fir-regolamenti 8, 11, 12 jew 13, jew il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-regolament 16;

(b) l-awtorizzazzjoni jew id-dokumenti ppreżentati jkunu ġew akkwistati b'mod frawdolenti, jew iffalsifikati, jew imbagħbsa;

(ċ) l-entità ospitanti ma tkunx ġiet approvata;

(d) iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jirrisjedi għal finijiet differenti minn dawk li għalihom kien ġie awtorizzat jirrisjedi.

(2) L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jista' jirtira jew jirrifjuta li jġedded awtorizzazzjoni fejn:

(a) l-entità ospitanti jew kwalunkwe korp ieħor kif imsemmi fir-regolament 13(a), ikunu naqsu milli jissodisfaw l-obbligi legali tagħhom fir-rigward tas-sigurtà soċjali, tassazzjoni, drittijiet tal-impjieg jew kondizzjonijiet tal-impjieg;

(b) fejn applikabbli, it-termini ta' impjieg kif provdut fil-liġi nazzjonali jew fi ftehim kolletiv jew prattika f'Malta ma jintlaħqux mill-entità ospitanti li ser timpjega ċ-ċittadin ta' pajjiż terz;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(ċ) l-entità ospitanti jew korp ieħor kif imsemmi fir-regolament 13(a), ikunu ġew sanzjonati skont il-liġi nazzjonali minħabba xogħol mhux iddikjarat jew impjieg illegali;

(d) l-entità ospitanti ġiet stabbilita jew topera bil-għan ewlieni li tiffaċilita d-dħul ta' ċittadini ta' pajjiż terz li jaqgħu taħt dawn ir-regolamenti;

(e) fejn applikabbli, in-negozju tal-entità ospitanti qiegħed jiġi stralċjat jew ġie stralċjat skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Kumpanniji jew ma tkunx qed issir attività ekonomika; Kap. 386.

(f) fir-rigward ta' studenti, il-limiti ta' żmien imposti fuq l-aċċess għall-attivitajiet ekonomiċi skont ir-regolament 21 ma jiġux rispettati jew student ma jagħmilx progress suffiċjenti fl-istudji rilevanti.

(3) Fil-każ tal-irtirar tal-awtorizzazzjoni, meta jkun qed jivvaluta n-nuqqas ta' progress fl-istudji rilevanti, kif imsemmi fis-subregolament (2)(f), l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni għandu jikkonsulta mal-entità ospitanti.

(4) L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni għandu jirtira jew jirrifjuta li jġedded awtorizzazzjoni għal raġunijiet ta' ordni pubblika, sigurtà pubblika jew saħħa pubblika.

(5) Fejn ċittadin ta' pajjiż terz japplika għat-tiġdid tal-awtorizzazzjoni biex jidħol jew ikompli jkun f'relazzjonijiet ta' impjieg f'Malta, bl-eċċezzjoni ta' riċerkatur li jkompli r-relazzjoni ta' impjieg mal-istess entità ospitanti, l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jista' jivverifika mal-awtoritajiet responsabbli għall-impjieg, jekk il-post inkwistjoni jistax jimtela' minn ċittadini Maltin jew minn ċittadini oħra tal-Unjoni, jew minn ċittadini ta' pajjiż terz li ilhom residenti f'Malta għal żmien twil, f'liema każ jista' jirrifjuta li jġedded l-awtorizzazzjoni. Din id-dispożizzjoni għandha tapplika mingħajr ħsara għall-prinċipju tal-preferenza għal ċittadini tal-Unjoni kif provdut fid-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat tal-Adeżjoni.

(6) Fejn l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jkollu l-ħsieb li jirtira jew ma jġeddidx l-awtorizzazzjoni ta' student skont is-subregolamenti (2)(a), (ċ), (d) jew (e), l-istudent għandu jitħalla jippreżenta applikazzjoni biex ikun ospitat minn istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja differenti għal kors ta' studju ekwivalenti sabiex ikunu jistgħu jitlestew l-istudji.

(7) L-istudent imsemmi fis-subregolament (6) għandu jitħalla jibqa f'Malta sakemm l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jkun ħa deċiżjoni

VERŻJONI ELETTRONIKA

dwar l-applikazzjoni.

(8) Bla ħsara għas-subregolament (1), kwalunkwe deċiżjoni fejn tiġi rtirata awtorizzazzjoni jew fejn jiġi rifjutat it-tiġdid ta' awtorizzazzjoni għandha tieħu kont taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ u tirrispetta l-prinċipju ta' proporzjonalità.

TAQSIMA V
Drittijiet

Trattament indaqs.

L.S. 217.17.

19. (1) Ir-riċerkaturi għandhom ikunu ntitolati għal trattament indaqs bħaċ-ċittadini Maltin kif provdut fir-regolament 23 tar-Regolamenti dwar Proċedura ta' Applikazzjoni Waħda għal Permess Uniku fir-Rigward ta' Residenza u Xogħol u Ġabra Komuni ta' Drittijiet Għal Dawk il-Ħaddiema ta' Pajjiżi Terzi li Jirrisjedu Legalment f'Malta.

(2) Għal fini ta' dan ir-regolament, it-trattament indaqs għandu jiġi ristrett fir-rigward ta':

(a) għotjiet u self għall-istudju u l-manteniment jew għotjiet u self oħra;

(b) għotjiet ta' benefiċċji għall-familja lir-riċerkaturi li ġew awtorizzati li joqgħodu f'Malta għal perjodu li ma jeċċedix is-sitt xhur;

(ċ) il-limitazzjoni tal-imsemmi fir-regolament 23 għal każijiet fejn il-post ta' residenza rreġistrat jew il-post fejn is-soltu jirrisjedu l-membri tal-familja tar-riċerkatur, li għalihom jitlob il-benefiċċji, jinsab fit-territorju ta' Malta;

(d) l-aċċess għall-akkomodazzjoni.

(3) It-*trainees* u l-voluntiera, meta jitqiesu li huma f'relazzjoni ta' impjieg f'Malta, u l-istudenti għandhom ikunu intitolati għal trattament indaqs bħaċ-ċittadini Maltin kif provdut fir-regolament 23 tar-Regolamenti dwar Proċedura ta' Applikazzjoni Waħda għal Permess Uniku fir-Rigward ta' Residenza u Xogħol u Ġabra Komuni ta' Drittijiet Għal Dawk il-Ħaddiema ta' Pajjiżi Terzi li Jirrisjedu Legalment f'Malta, suġġett għar-restrizzjonijiet provduti f'dak ir-regolament.

L.S. 217.17.

(4) *Trainees* u voluntiera, meta ma jitqisux li huma f'relazzjoni ta' impjieg f'Malta għandhom ikunu intitolati għal trattament indaqs rigward l-aċċess għal beni u servizzi kif ukoll rigward il-forniment ta' beni u servizzi li jkunu disponibbli għal pubbliku, kif ukoll, fejn applikabbli, rigward ir-rikonoxximent ta' diplomi, ċertifikati u

VERŻJONI ELETTRONIKA

kwalifiki professjonali oħra skont il-proċeduri nazzjonali rilevanti, ħlief aċċess għall-akkomodazzjoni u trattament indaqs rigward is-servizzi provduti mill-uffiċċji pubbliċi tal-impjieg.

Tagħlim minn riċerkaturi.

20. Ir-riċerkatur jista' jgħallem attivitajiet ta' tagħlim kif stipulat fil-linji gwida maħruġa mill-Kunsill tal-Professjoni tal-Għalliema inwaqqaf permezz tal-Att dwar l-Edukazzjoni.

Kap. 327.

Attivitajiet ekonomiċi minn studenti.

21. (1) Barra mill-ħin ta' studju tiegħu, l-istudent għandu jkun intitolat li jiġi mpjegat u jista' jkun intitolat li jeżerċita attività ekonomika għal rasu, suġġett għar-regoli u l-kondizzjonijiet applikabbli għall-attività rilevanti f'Malta u kif ukoll għal-limitazzjonijiet provduti fis-subregolament (2):

Iżda, l-istudent għandu jkollu fil-pussess tiegħu liċenżja tal-impjieg maħruġa *ai termini* tal-artikolu 11(3) tal-Att.

(2) L-awtoritajiet responsabbli għall-impjieg f'konsultazzjoni mal-awtoritajiet edukattivi u l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni, għandhom jiddeterminaw, wara li tkun saret verifika tas-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol, in-numru massimu ta' siegħat kull ġimgħa jew jiem jew xhur fis-sena allokati għal din l-attività, li ma għandux ikun inqas minn 15-il siegħa fil-ġimgħa, jew l-ekwivalenti f'jiem u xhur fis-sena.

Permanenza għall-fini ta' tfittix ta' impjieg jew intraprenditorija għal riċerkaturi u studenti.

22. (1) Wara t-tlestija tar-riċerka jew tal-istudji, ir-riċerkaturi u l-istudenti għandhom ikollhom il-possibilità li jibqgħu f'Malta, abbażi tal-permess ta' residenza msemmi fis-subregolament (2), għal perjodu ta' mill-inqas disa' xhur sabiex ifittxu impjieg jew jibdew negozju:

Iżda, l-awtoritajiet responsabbli mill-edukazzjoni u l-impjieg f'konsultazzjoni mal-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jistgħu jiddeċiedu li jistabbilixxu livell minimu ta' kwalifiki li l-istudenti għandhom ikunu laħqu sabiex jibbenefikaw minn din il-possibilità, liema livell ma għandux ikun ogħla minn livell 7 tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki.

(2) Għall-fini tal-permanenza msemmija fis-subregolament (1), l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni għandu, meta ssir applikazzjoni mir-riċerkatur jew l-istudent, joħroġ permess ta' residenza lil dak iċ-ċittadin tal-pajjiż terz skont ir-Regolament (KE) Nru 1030/2002, fejn il-kondizzjonijiet stipulati fir-regolament 7(1)(a), (ċ), (d), u (e), ir-regolament 7(6) u, fejn applikabbli, fir-regolament 7(2) għadhom sodisfatti.

(3) Fil-każ tar-riċerkaturi, l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni għandu jesiġi konferma mill-organizzazzjoni ta' riċerka tat-tlestija tal-attività ta' riċerka jew, għall-istudenti, evidenza li kisbu diploma jew ċertifikat

VERŻJONI ELETTRONIKA

ta' edukazzjoni għolja jew evidenza oħra ta' kwalifiki formali.

(4) Il-permess ta' residenza msemmi f'dan ir-regolament, għandu jiġi mġedded sakemm il-kondizzjonijiet imsemmija fir-regolament 23, ikunu ġew sodisfatti.

(5) L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jista' jirrifjuta applikazzjoni taħt dan ir-regolament fejn:

(a) il-kondizzjonijiet stipulati fis-subregolament (2) u, fejn applikabbli, is-subregolamenti (1) u (6) ma jintlaħqux; u

(b) id-dokumenti ppreżentati jkunu nkisbu b'mod frawdolenti, jew ġew iffalsifikati, jew imbagħbsa.

(6) Applikazzjonijiet tar-riċerkatur jew tal-istudent u fejn, applikabbli, il-membri tal-familja tar-riċerkatur taħt dan ir-regolament għandhom jiġu ppreżentati mill-inqas 30 jum qabel l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni maħruġa taħt ir-regolamenti 15 u 23.

(7) Jekk l-evidenza tal-ksib ta' diploma jew ċertifikat ta' edukazzjoni għolja jew evidenza oħra ta' kwalifiki formali jew il-konferma mill-organizzazzjoni ta' riċerka tat-tlestija tal-attività ta' riċerka ma jkunux disponibbli qabel l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni maħruġa taħt ir-regolament 15, u l-kondizzjonijiet l-oħra kollha jkunu ġew sodisfatti, l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni għandu jippermetti liċ-ċittadin ta' pajjiż terz jibqa' f'Malta sabiex jippreżenta dik l-evidenza fi żmien raġonevoli.

(8) Wara minimu ta' tliet xhur mill-ħruġ tal-permess ta' residenza taħt dan ir-regolament, l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni għandu jeżiġi li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jagħti prova li huwa għandu ċans ġenwin li jiġi ngaġġat jew li jibda negozju.

(9) Jekk il-kondizzjonijiet provduti fis-subregolamenti (2), (3) jew (8) ma għadhomx iktar sodisfatti, l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jista' jirtira l-permess ta' residenza taċ-ċittadin ta' pajjiż terz u, fejn applikabbli, tal-familja tiegħu kif provdut fil-liġi.

(10) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament għandhom japplikaw għar-riċerkaturi u, fejn applikabbli, għall-membri tal-familja tar-riċerkaturi jew għall-istudenti li jirrisjedu jew li rrisjedew f'Malta skont id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 25, 26, 27 jew 28.

Membri tal-familja ta' riċerkaturi. L.S. 217.06.

23. Bil-għan li jippermettu lill-membri tal-familja tar-riċerkatur jingħaqdu miegħu f'Malta, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji. Madanakollu:

VERŻJONI ELETTRONIKA

(a) b'deroga mid-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 3(1) u 13 tar-Regolamenti dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familja, l-għoti ta' permess ta' residenza lill-membri tal-familja ma għandux jiddependi fuq ir-rekwiżit li r-riċerkatur ikollu prospetti raġonevoli li jikseb id-dritt ta' residenza permanenti u jkollu perjodu minimu ta' residenza; L.S. 217.06.

(b) b'deroga mid-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 4(1) u (2) u 14(3) tar-Regolamenti dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familja, il-kondizzjonijiet u l-miżuri ta' integrazzjoni msemmija fihom jistgħu japplikaw biss wara li l-persuni kkonċernati jkunu ngħataw permess ta' residenza; L.S. 217.06.

(ċ) b'deroga mid-dispożizzjonijiet tar-regolament 9 tar-Regolamenti dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familja, permessi ta' residenza għall-membri tal-familja għandhom jingħataw mill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni, jekk il-kondizzjonijiet għar-rijunifikazzjoni tal-familja jiġu sodisfatti, fi żmien 90 jum mid-data li fiha tkun ġiet ippreżentata l-applikazzjoni kompluta. L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni għandu jipproċessa l-applikazzjoni għall-membri tal-familja fl-istess ħin mal-applikazzjoni għall-ammissjoni jew għall-mobilità għal perjodu twil tar-riċerkatur, f'każ li l-applikazzjoni għall-membri tal-familja tiġi ppreżentata fl-istess ħin. Il-permess ta' residenza għall-membri tal-familja għandu jingħata biss jekk għar-riċerkatur tinħareġ awtorizzazzjoni taħt ir-regolament 15; L.S. 217.06.

(d) b'deroga mid-dispożizzjonijiet tar-regolament 14(2) tar-Regolamenti dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familja, il-tul tal-validità tal-permess ta' residenza tal-membri tal-familja għandu, bħala regola ġenerali, jintemm fid-data ta' skadenza tal-awtorizzazzjoni tar-riċerkatur. Dan jinkludi, fejn applikabbli, awtorizzazzjonijiet maħruġa lir-riċerkatur għall-finijiet ta' tfittix ta' impjieg jew intraprenditorja skont r-regolament 22. L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jista' jesigi li l-perjodu ta' validità tad-dokumenti tal-ivvjaġġar tal-membri tal-familja jkopru mill-inqas it-tul ta' żmien tal-permanenza ppjanata; L.S. 217.06.

(e) b'deroga mid-dispożizzjonijiet tar-regolament 15(b) tar-Regolamenti dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familja, l-awtoritajiet pertinenti ma għandhom japplikaw l-ebda limitu ta' żmien fir-rigward tal-aċċess għas-suq tal-impjieg għall-membri tal-familja inklużi dawk li jkunu eżerċitaw l-mobilità minn Stat Membru ieħor għal perjodu twil, ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali bħal livelli partikolarment għolja ta' qgħad. L.S. 217.06.

VERŻJONI ELETTRONIKA

TAQSIMA VI
Mobilità bejn l-Istati Membri

Mobilità fi ħdan l-UE.

24. (1) Ċittadin ta' pajjiż terz li għandu awtorizzazzjoni valida maħruġa mill-Istat Membru l-ieħor għall-finijiet ta' studji fil-qafas ta' programm tal-Unjoni jew programm multilaterali li jinkludi miżuri ta' mobilità jew fil-qafas ta' ftehim bejn żewġ istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja jew aktar, jew għall-fini ta' riċerka, jista jidħol u jibqa f'Malta sabiex iwettaq parti mill-istudji jew mir-riċerka abbażi ta' dik l-awtorizzazzjoni u dokument tal-ivvjaġġar validu skont il-kondizzjonijiet stipulati fir-regolamenti 25, 26 u 28 u suġġett għar-regolament 29.

(2) Matul il-mobilità msemmija fis-subregolament (1), riċerkaturi jistgħu, flimkien ma' attivitajiet ta' riċerka, jgħallmu u l-istudenti jistgħu, flimkien mal-istudji tagħhom, jaħdmu, skont il-kondizzjonijiet stipulati fir-regolamenti 20 u 21 rispettivament.

(3) Meta riċerkatur jiġi jgħix f'Malta skont ir-regolamenti 25 jew 26, il-membri tal-familja li jkollhom permess ta' residenza maħruġ skont ir-regolament 23 u li qed jakkumpanjaw ir-riċerkatur, għandhom ikunu awtorizzati li jiġu Malta mar-riċerkatur fil-qafas tal-mobilità tar-riċerkatur taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-regolament 27.

Mobilità għal perjodu qasir tar-riċerkaturi.

25. (1) Ir-riċerkatur li għandu awtorizzazzjoni valida maħruġa mill-Istat Membru l-ieħor għandu jkun intitolat li jibqa f'Malta sabiex iwettaq parti mir-riċerka tiegħu fi kwalunkwe organizzazzjoni ta' riċerka għal perjodu ta' mhux aktar minn 180 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 360 jum, suġġett għall-kondizzjonijiet stipulati f'dan ir-regolament.

(2) (a) L-organizzazzjoni ta' riċerka f'Malta għandha tinnotifika lill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni u l-Kunsill wara li r-riċerkatur ikun innotifika l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru l-ieħor, tal-intenzjoni tiegħu li jwettaq part mir-riċerka f'Malta.

(b) F'dawn il-każijiet:

(i) jekk fil-ħin tal-applikazzjoni fl-Istat Membru l-ieħor, il-mobilità għal Malta tkun diġà prevista f'dak l-istadju, in-notifika għandha ssir f'dak iż-żmien;

(ii) jekk tkun magħrufa l-mobilità maħsuba lejn Malta, wara li r-riċerkatur ikun ġie ammess fl-Istat Membru l-ieħor, in-notifika għandha ssir hekk kif tkun magħrufa l-mobilità maħsuba.

(3) Fejn in-notifika tkun saret skont is-subregolament (2)(b)(i)

VERŻJONI ELETTRONIKA

u fejn l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni ma jkun għamel l-ebda oġġezzjoni mal-Istat Membru l-ieħor skont is-subregolament (7), ir-riċerkatur jista' jivvjaġġa lejn Malta f'kull mument tal-perjodu ta' validità tal-awtorizzazzjoni.

(4) Fejn in-notifika tkun saret skont is-subregolament (2)(b)(ii), il-mobilità tista' tibda immedjatament wara li tkun saret in-notifika lill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jew fi kwalunkwe mument waqt il-perjodu ta' validità tal-awtorizzazzjoni.

(5) In-notifika għandha tinkludi d-dokument tal-ivvjaġġar validu, kif provdut fir-regolament 7(1)(a) u l-awtorizzazzjoni valida maħruġa mill-Istat Membru l-ieħor li tkopri l-perjodu tal-mobilità.

(6) In-notifika lill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni għandha tinkludi t-trasmissjoni tad-dokumenti u l-informazzjoni li ġejjin:

(a) il-ftehim ta' akkoljenza fl-Istat Membru l-ieħor kif imsemmi fir-regolament 10 kif ukoll il-ftehim ta' akkoljenza konkluż mal-organizzazzjoni ta' riċerka f'Malta;

(b) fejn mhux speċifikat fil-ftehim ta' akkoljenza, it-tul ta' żmien u d-dati ppjanati tal-mobilità;

(ċ) evidenza li r-riċerkatur għandu assigurazzjoni medika għar-riskji kollha li normalment jiġu koperti għaċ-ċittadini Maltin kif provdut fir-regolament 7(1)(ċ);

(d) evidenza li waqt il-permanenza r-riċerkatur ser ikollu biżżejjed riżorsi biex ikopri l-ispejjeż ta' sussistenza mingħajr ma jirrikorri għas-sistema tal-assistenza soċjali f'Malta, kif provdut fir-regolament 7(1)(e), kif ukoll l-ispejjeż tal-ivvjaġġar lejn l-Istat Membru l-ieħor fil-każijiet imsemmija fir-regolament 30(2):

Iżda li, l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni għandu jesiġi li l-organizzazzjoni ta' riċerka tipprovdi, qabel il-bidu tal-mobilità, l-indirizz tar-riċerkatur f'Malta:

Iżda wkoll, l-organizzazzjoni ta' riċerka għandha tippreżenta d-dokumenti fil-lingwa Maltija jew fil-lingwa Ingliża u jekk dawn id-dokumenti ma jkunux fil-lingwa Maltija jew fil-lingwa Ingliża, għandha tiġi sottomessa t-traduzzjoni tagħhom.

(7) Fi żmien 30 ġurnata minn meta jirċievi n-notifika kompluta msemmija fis-subregolament (2), l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jista' joġġezzjona għall-mobilità tar-riċerkatur lejn Malta fejn:

VERŻJONI ELETTRONIKA

(a) il-kondizzjonijiet stipulati fis-subregolament (5) jew, fejn applikabbli, fis-subregolament (6) ma ġewx sodsfatti;

(b) tapplika waħda mir-raġunijiet għal rifjut stipulati fir-regolament 17(1)(b) jew (ċ) jew fir-regolament 17(2);

(ċ) ikun intlaħaq il-perjodu massimu ta' permanenza msemmi fis-subregolament (1).

(8) Riċerkatur li jitqies ta' theddida għall-politika pubblika, is-sigurtà pubblika jew is-saħħa pubblika ma għandux jitħalla jidħol jew jibqa' f'Malta.

(9) L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni għandu jinforma bil-miktub mingħajr dewmien lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru l-ieħor u lill-organizzazzjoni ta riċerka, dwar l-oġġezzjoni tiegħu għall-mobilità, jekk ikun hemm. Fejn l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni joġġezzjona għall-mobilità skont is-subregolament (7) u l-mobilità tkun għadha ma seħħitx, ir-riċerkatur ma għandux jitħalla jwettaq part mir-riċerka fl-organizzazzjoni ta' riċerka f'Malta. Fejn il-mobilità tkun diġà seħħet, għandhom japplikaw ir-regolament 29(3) jew ir-regolament 30(2) jew (3).

(10) Wara li jiskadi l-perjodu ta' oġġezzjoni msemmi fis-subregolament (7), l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni għandu joħroġ għar-riċerkatur dokument li jafferma li huwa ntitolat jibqa' f'Malta u jgawdi mid-drittijiet provduti f'dawn ir-regolamenti.

Mobilità għal perjodu twil tar-riċerkaturi

26. (1) Fir-rigward tar-riċerkatur li għandu awtorizzazzjoni valida maħruġa mill-Istat Membru l-ieħor u li għandu l-intenzjoni li jibqa' sabiex iwettaq parti mir-riċerka tiegħu fi kwalunkwe organizzazzjoni ta' riċerka f'Malta bħala t-tieni Stat Membru għal aktar minn 180 jum, l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni għandu japplika il-proċedura provduta fis-subregolamenti (2) sa (7):

Iżda l-mobilità għal perjodu twil tar-riċerkatur ma għandhiex tkun inqas minn 360 jum.

(2) Meta tiġi ppreżentata applikazzjoni għal mobilità għal perjodu twil:

(a) ir-riċerkatur għandu jippreżenta d-dokumenti li ġejjin:

(i) dokument tal-ivvjaġġar validu, kif provdut fir-regolament 7(1)(a) u awtorizzazzjoni valida maħruġa mill-Istat Membru l-ieħor;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(ii) evidenza li huwa għandu assigurazzjoni medika għar-riskji kollha li normalment jiġu koperti għaċ-ċittadini Maltin kif provdut fir-regolament 7(1)(ċ);

(iii) evidenza li waqt il-permanenza tiegħu huwa ser ikollu biżżejjed risorżi biex ikopri l-ispejjeż ta' sussistenza mingħajr ma jirrikorri għas-sistema tal-assistenza soċjali f' Malta, kif provdut fir-regolament 7(1)(e), kif ukoll l-ispejjeż tal-ivvjaġġar lejn l-Istat Membru l-ieħor fil-każijiet imsemmija fir-regolament 30(2) jew (3);

(iv) il-ftehim ta' akkoljenza fl-Istat Membru l-ieħor kif imsemmi fir-regolament 10 jew, jekk l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni hekk jirrikjedi, l-ftehim ta' akkoljenza konkluż mal-organizzazzjoni ta' riċerka f'Malta;

(v) fejn ma jkunu speċifikat fl-ebda dokument ippreżentat mill-applikant, it-tul ta' żmien u d-dati ppjanati tal-mobilità;

(vi) l-indirizz tiegħu f'Malta:

Iżda li, meta l-indirizz ma jkunx magħruf meta ssir l-applikazzjoni għall-mobilità, u r-riċerkatur għadu ma jafx l-indirizz futur tiegħu, l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni għandu jaċċetta indirizz temporanju. F'dan il-każ, ir-riċerkatur għandu jipprovdi l-indirizz permanenti tiegħu mhux aktar tard minn meta tinħareġ l-awtorizzazzjoni għall-mobilità għal perjodu twil:

Iżda ukoll, l-applikant għandu jippreżenta d-dokumenti fil-lingwa Maltija jew fil-lingwa Ingliża u jekk dawn id-dokumenti ma humiex fil-lingwa Maltija jew fil-lingwa Ingliża, għandha tiġi sottomessa traduzzjoni tagħhom;

(b) l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni għandu jieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għall-mobilità għal perjodu twil u jinnotifika id-deċiżjoni bil-miktub lill-applikant mill-aktar fis possibbli, iżda mhux aktar tard minn 90 jum mid-data li fiha ġiet ippreżentata lilu l-applikazzjoni kompluta;

(ċ) l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni m'għandux jeżiġi li l-applikant għandu japplika għall-mobilità għal perjodu twil minn barra l-Unjoni Ewropea jew jimponi fuqu r-rekwiżit ta' viża;

(d) ir-riċerkatur għandu jitħalla jiġi Malta biex iwettaq

VERŻJONI ELETTRONIKA

parti mir-riċerka tiegħu fl-organizzazzjoni ta' riċerka f'Malta sakemm tittieħed deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għall-mobilità għal perjodu twil, sakemm:

(i) la l-perjodu imsemmi fir-regolament 25(1) u lanqas il-perjodu ta' validità tal-awtorizzazzjoni maħruġa mill-Istat Membru l-ieħor ma jkunu skadew; u

(ii) l-applikazzjoni kompluta tkun ġiet ippreżentata lill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni mill-inqas 30 jum qabel ma tibda l-mobilità għal perjodu twil tar-riċerkatur;

(e) applikazzjoni għall-mobilità għal perjodu twil ma tistax tiġi ppreżentata fl-istess ħin bħal notifika għall-mobilità għal perjodu qasir. Fejn ikun hemm bżonn ta' mobilità għal perjodu twil wara li tkun bdiet il-mobilità għal perjodu qasir tar-riċerkatur, l-applikazzjoni għall-mobilità għal perjodu twil għandha tiġi ppreżentata mill-inqas 30 jum qabel it-tmiem tal-mobilità għal perjodu qasir.

(3) L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni għandu jirrifjuta applikazzjoni għall-mobilità għal perjodu twil meta:

(a) il-kondizzjonijiet stipulati fis-subregolament 2(a) ma jiġux sodisfatti;

(b) tapplika waħda mir-raġunijiet għar-rifjut stipulati fir-regolament 17, bl-eċċezzjoni tas-subregolament (1)(a) ta' dak ir-regolament;

(ċ) l-awtorizzazzjoni tar-riċerkatur fl-Istat Membru l-ieħor tiskadi matul il-proċedura; jew

(d) fejn applikabbli, jintlaħaq il-perjodu massimu ta' permanenza msemmi fis-subregolament (1).

(4) Riċerkatur li jitqies ta' theddida għall-politika pubblika, is-sigurtà pubblika jew is-saħħa pubblika ma għandux jitħalla jidħol jew jibqa' f'Malta.

(5) Fejn l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jieħu deċiżjoni pożittiva dwar l-applikazzjoni għall-mobilità għal perjodu twil kif imsemmi fis-subregolament (2), għandha tinħareġ awtorizzazzjoni għar-riċerkatur skont ir-regolament 15(4) u l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni għandu jinforma lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru l-ieħor meta tkun ħarġet din l-awtorizzazzjoni.

(6) L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni għandu jirtira l-

VERŻJONI ELETTRONIKA

awtorizzazzjoni għal mobilità għal perjodu twil fejn:

(a) ma jiġux jew ma għadhomx jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet stipulati fis-subregolament 2(a) jew fis-subregolament (4); jew

(b) tapplika waħda mir-raġunijiet għall-irtirar tal-awtorizzazzjoni, kif stipulat fir-regolament 18, bl-eċċezzjoni tas-subregolament 1(a), is-subregolament 2(f) u s-subregolamenti (3), (5) u (6) ta' dak ir-regolament.

(7) Meta tiġi meħuda deċiżjoni dwar mobilità għal perjodu twil, għandhom japplikaw il-proviso għas-subregolament (1), u s-subregolamenti (2), (3), (4) u (5) tar-regolament 31.

Mobilità tal-membri tal-familja tar-riċerkaturi.

27. (1) Membru tal-familja ta' riċerkatur li għandu permess ta' residenza validu maħruġ mill-Istat Membru l-ieħor għandu jkun intitolat li jidħol, u jibqa' f'Malta biex jakkumpanja lir-riċerkatur.

(2) Fir-rigward ta' membru tal-familja ta' riċerkatur li japplikaw għalih id-dispożizzjonijiet tar-regolament 25, id-dokumenti u l-informazzjoni li ġejjin għandhom jiġu ppreżentati lill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni fil-lingwa Maltija jew fil-lingwa Ingliża:

(a) id-dokumenti u l-informazzjoni meħtieġa taħt ir-regolament 25(5) u 6(b), (ċ) u (d) relatati mal-membru tal-familja li jakkumpanja lir-riċerkatur;

(b) evidenza li l-membru tal-familja rrisjeda bħala membru tal-familja tar-riċerkatur fl-Istat Membru l-ieħor skont ir-regolament 23:

Iżda l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jista' joġġezzjona għall-mobilità tal-membru tal-familja meta l-kondizzjonijiet stipulati fis-subregolament (1) ma ġewx sodisfatti u, f'dak il-każ, id-dispożizzjonijiet tar-regolament 25(7)(b) u (ċ) u (9) għandhom japplikaw għall-membri tal-familja kif meħtieġ.

(3) Fir-rigward ta' membru tal-familja ta' riċerkatur li japplikaw għalih id-dispożizzjonijiet tar-regolament 26, l-applikazzjoni għandha tiġi ppreżentata mir-riċerkatur u mill-membri tal-familja tar-riċerkatur lill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni. L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni għandu jesiġi t-trasmissjoni tad-dokumenti u l-informazzjoni li ġejjin relatati mal-membri tal-familja:

(a) id-dokumenti u l-informazzjoni meħtieġa taħt ir-regolament 26(2)(a) (i), (ii), (iii) u (v) relatati mal-membri tal-familja li jakkumpanjaw ir-riċerkatur;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) evidenza li l-membru tal-familja rrisjeda fl-Istat Membru l-ieħor bħala membru tal-familja tar-riċerkatur f'konformità mar-regolament 23.

(4) L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jista' jesiġi li l-applikant jippreżenta d-dokument fil-lingwa Maltija jew fil-lingwa Ingliża.

(5) L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jista' jirrifjuta l-applikazzjoni għall-mobilità għal perjodu twil tal-membru tal-familja meta l-kondizzjonijiet stipulati fis-subregolament (3) ma jiġux sodisfatti. Ir-regolament 26(2)(b) u (c), (3)(b), (ċ) u (d), (5), (6) (b) u (7) għandu japplika għal dawk il-membri tal-familja kif meħtieġ.

(6) Il-validità tal-awtorizzazzjoni għall-mobilità għal perjodu twil tal-membri tal-familja għandha, bħala regola ġenerali, tispiċċa fid-data tal-iskadenza tal-awtorizzazzjoni tar-riċerkatur maħruġa mill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni.

(7) L-awtorizzazzjoni għall-mobilità għal perjodu twil tal-membri tal-familja tar-riċerkatur tista' tiġi rtirata jew ma tiġix mġedda jekk l-awtorizzazzjoni għall-mobilità fit-tul tar-riċerkatur li huma qed jakkumpanjaw tiġi rtirata jew ma tiġix imġedda u huma ma jgawdu minn l-ebda dritt awtomonu ta' residenza.

(8) Membru tal-familja li jitqies ta' theddida għall-politika pubblika, is-sigurtà pubblika jew is-saħħa pubblika ma għandux jitħalla jidħol jew jibqa' f'Malta.

Mobilità ta' studenti.

28. (1) Student li għandu awtorizzazzjoni valida maħruġa mil-Istat Membru l-ieħor u li huwa kopert minn programm tal-Unjoni u programm multilaterali li jinkludi miżuri ta' mobilità jew minn ftehim bejn żewġ istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja jew aktar għandu jkun intitolat jidħol u jibqa' f'Malta biex iwettaq parti mill-istudji tiegħu f'istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja għal perjodu ta' mhux aktar minn 360 jum suġġett għal kondizzjonijiet stipulati fis-subregolamenti (3) sa (11).

(2) Student li ma huwiex kopert minn programm tal-Unjoni u programm multilaterali li jinkludi miżuri ta' mobilità jew minn ftehim bejn żewġ istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja jew aktar għandu jippreżenta applikazzjoni għal awtorizzazzjoni biex jidħol u jibqa' f'Malta biex iwettaq parti mill-istudji f'istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja skont ir-regolamenti 7 u 11.

(3) L-istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja f'Malta għandha tinnotifika lill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni, wara li l-istudent ikun innotifika lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru l-ieħor, l-intenzjoni tiegħu li jwettaq parti mill-istudji fl-istituzzjoni ta'

VERŻJONI ELETTRONIKA

edukazzjoni għolja f'Malta. F'każijiet bħal dawn, l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni għandu jippermetti li n-notifika ssir jew:

(a) meta ssir l-applikazzjoni fl-Istat Membru l-ieħor, fejn il-mobilità lejn Malta tkun diġà prevista f'dak l-istadju; jew

(b) wara li l-istudent ġie ammess fl-Istat Membru l-ieħor, hekk kif tkun magħrufa l-intenzjoni li jiġi Malta.

(4) Fejn in-notifika tkun saret skont is-subregolament 3(a) u fejn l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni ma jkun qajjem l-ebda oġġezzjoni bil-miktub mal-Istat Membru l-ieħor skont is-subregolament (8), il-mobilità tal-istudent lejn Malta tista' sseħħ fi kwalunkwe mument waqt il-perjodu ta' validità tal-awtorizzazzjoni.

(5) Fejn in-notifika tkun saret skont is-subregolament (3)(b) u fejn l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni ma jkun qajjem l-ebda oġġezzjoni bil-miktub għall-mobilità tal-istudent skont is-subregolamenti (8) u (10), il-mobilità għandha titqies bħala approvata u li tista' sseħħ.

(6) In-notifika għandha tinkludi d-dokument tal-ivvjaġġar validu, kif previst fir-regolament 7(1)(a) u awtorizzazzjoni valida maħruġa mill-Istat Membru l-ieħor u li tkopri l-perjodu totali tal-mobilità.

(7) L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jista' jesiġi li n-notifika tinkludi t-trażmissjoni tad-dokumenti u l-informazzjoni li ġejjin:

(a) evidenza li l-istudent iwettaq parti mill-istudji f'Malta fil-qafas ta' programm tal-Unjoni jew programm multilaterali li jinkludi miżuri ta' mobilità jew ta' ftehim bejn żewġ istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja jew aktar u evidenza li l-istudent ġie aċċettat minn istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja f'Malta;

(b) fejn mhux speċifikat taħt il-paragrafu (a), it-tul ta' żmien u d-dati ppjanati tal-mobilità;

(ċ) evidenza li l-istudent għandu assigurazzjoni medika għar-riskji kollha li normalment jiġu koperti għaċ-ċittadini Maltin kif provdut fir-regolament 7(1)(ċ);

(d) evidenza li waqt il-permanenza l-istudent ser ikollu riżorsi, suffiċjenti biex ikopri l-ispejjez ta' sussitenza mingħajr ma jirrikorri għas-sistema tal-assistenza soċjali ta' Malta kif provdut fir-regolament 7(1)(e), spejjeż tal-istudji, kif ukoll l-ispejjeż tal-ivvaġġar lejn l-Istat Membru l-ieħor fil-każijiet imsemmija fir-regolamenti 30(2) u (3);

VERŻJONI ELETTRONIKA

(e) evidenza li l-miżati imposti mill-istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja tħallsu, fejn applikabbli:

Iżda l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jista' jesiġi li l-istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja f'Malta tipprovdi, qabel ma tibda l-mobilità, l-indirizz tal-istudent ikkonċernat f'Malta:

Iżda wkoll l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jista' jesiġi li l-istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja f'Malta tippreżenta d-dokumenti fil-lingwa Maltija jew fil-lingwa Ingliża.

(8) Abbażi tan-notifika msemmija fis-subregolament (3), l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jista' joġġezzjona għall-mobilità tal-istudent fi żmien 30 jum minn meta jirċievi in-notifika kompluta meta:

(a) il-kondizzjonijiet stipulati fis-subregolamenti (6) jew (7) ma ġewx sodisfatti;

(b) tapplika waħda mir-raġunijiet għar-rifjut stipulati fir-regolament 17(1)(b) jew (ċ) jew (2) ta' dak ir-regolament;

(ċ) jintlaħaq il-perjodu massimu ta' permanenza msemmi fis-subregolament (1).

(9) Student li jitqies ta' theddida għall-politika pubblika, is-sigurtà pubblika jew is-saħħa pubblika ma għandux ikun permess jidħol jew jibqa' f'Malta.

(10) L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni għandu, mingħajr dewmien, jinforma bil-miktub lill-awtoritatjiet kompetenti tal-Istat Membru l-ieħor u lill-istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja f'Malta dwar l-oġġezzjoni tiegħu għall-mobilità. Meta l-oġġezzjoni għall-mobilità tkun skont is-subregolament (8), l-istudent ma għandux jitħalla jwettaq parti mill-istudji fl-istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja f'Malta.

(11) Wara li jiskadi l-perjodu ta' oġġezzjoni, l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jista' joħroġ dokument għall-istudent li jafferma li dan huwa intitolat jibqa' f'Malta u jgawdi mid-drittijiet provduti f'dawn ir-regolamenti.

Salvagwardji u sanzjonijiet f'każijiet ta' mobilità.

29. (1) Meta l-awtorizzazzjoni għall-fini ta' riċerka jew studji tinħareġ mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru li mhux qed japplika l-*acquis* ta' Schengen b'mod sħiħ u r-riċerkatur jew l-istudent jidħol f'Malta fil-qafas ta' mobilità, l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni u l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni għandhom jesiġu bħala evidenza tal-mobilità l-awtorizzazzjoni valida maħruġa mill-Istat Membru l-ieħor u kopja tan-notifika skont ir-regolament 25(2) jew ir-regolament 28(3).

VERŻJONI ELETTRONIKA

(2) L-entità ospitanti f'Malta jew ir-riċerkatur jew l-istudent għandhom jinfurmaw lill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni bi kwalunkwe bidla li taffetwa l-kondizzjonijiet li abbażi tagħhom tkun seħħet il-mobilità minn Stat Membru ieħor li mhux Malta.

(3) Meta r-riċerkatur jew, fejn applikabbli, il-membri tal-familja tiegħu, jew l-istudent, ma jissodisfawx jew ma għadhomx jissodisfaw il-kondizzjonijiet għall-mobilità, ir-riċerkatur u, fejn applikabbli, il-membri tal-familja tiegħu, jew l-istudent, għandhom jieqfu immedjatament minn kull attività u jitilqu minn Malta.

(4) Meta r-riċerkatur jew il-membri tal-familja tiegħu jew l-istudent jidħlu f'Malta minn Stat Membru li ma japplikax l-*acquis* ta' Schengen b'mod sħiħ, l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni għandu jikkonsulta s-Sistema tal-Informazzjoni ta' Schengen u jirrifjuta d-dħul jew joġġezzjona għall-mobilità ta' persuni li għalihom tkun inħarġet twissija fis-Sistema tal-Informazzjoni ta' Schengen biex jiġu rifjutati d-dħul u l-permanenza.

Malta bħala l-Istat Membru l-ieħor.

30. (1) Fejn applikabbli, meta l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni jirtira l-awtorizzazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 18, huwa għandu jinforma immedjatament lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn iċ-ċittadin ta' pajjiż terz eżerċita d-dritt ta' mobilità.

(2) Meta r-riċerkatur jew, fejn applikabbli, il-membri tal-familja tiegħu, jew l-istudent, ma jissodisfawx jew ma għadhomx jissodisfaw il-kondizzjonijiet ta' mobilità tal-Istat Membru fejn iċ-ċittadin ta' pajjiż terz eżerċita d-dritt ta' mobilità, fuq talba ta' dak l-Istat Membru, l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni u l-Uffiċjal Prinċipal tal-Immigrazzjoni għandhom jippermettu d-dħul mill-ġdid tar-riċerkatur u, fejn applikabbli, tal-membri tal-familja tiegħu jew tal-istudent, mingħajr formalità u dewmien.

(3) Meta l-awtorizzazzjoni biex wieħed jidħol f'Malta, maħruġa mill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni, tiskadi jew tiġi rtirata mill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni waqt il-perjodu ta' mobilità taċ-ċittadin ta' pajjiż terz fit-tieni Stat Membru, l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni u l-Uffiċjal Prinċipal tal-Immigrazzjoni għandhom jippermettu d-dħul mill-ġdid tar-riċerkatur f'Malta u, fejn applikabbli, tal-membri tal-familja tiegħu, jew tal-istudent, mingħajr formalità u dewmien.

TAQSIMA VII
Proċedura u Trasparenza

Garanziji ta' proċedura u trasparenza.

31. (1) L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni għandu jaddotta deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni jew għat-tiġdid tagħha u jinnotifika lill-applikant bil-miktub bid-deċiżjoni, mill-aktar

VERŻJONI ELETTRONIKA

fis possibbli u, fi kwalunkwe każ, mhux aktar tard minn 90 jum middata li fiha ġiet ippreżentata l-applikazzjoni kompluta:

Iżda, fil-każ li l-proċedura ta' ammissjoni tkun relata ma' entità ospitanti approvata skont ir-regolamenti 9 u 14, id-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni kompluta għandha tittieħed mill-aktar fis possibbli iżda mhux iktar tard minn 60 jum.

(2) Meta l-informazzjoni jew id-dokumentazzjoni pprovduta mal-applikazzjoni ma tkunx kompluta, l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni għandu jinnotifika lill-applikant, fi żmien ġimgħa bl-informazzjoni addizzjonali meħtieġa u l-applikant għandu jippreżenta din l-informazzjoni addizzjonali fi żmien ġimgħatejn:

Iżda l-perjodu msemmi fis-subregolament (1) għandu jiġi sospiż sakemm l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni ma jkunx irċieva l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa:

Iżda ukoll, l-applikazzjoni tista' tiġi rifjutata jekk l-informazzjoni addizzjonali jew dokumenti ma jkunux ġew ippreżentati fiż-żmien indikat f'dan ir-regolament.

(3) Ir-raġunijiet għal deċiżjoni li tiddikjara inammissibbli jew li ma tilqax l-applikazzjoni jew li tirrifjuta t-tiġdid tal-awtorizzazzjoni għandhom jingħataw lill-applikant bil-miktub.

(4) Ir-raġunijiet għal deċiżjoni li tirtira l-awtorizzazzjoni għandhom jingħataw bil-miktub liċ-ċittadin ta' pajjiż terz u kif ukoll lill-entità ospitanti.

(5) Kwalunkwe deċiżjoni li tiddikjara inammissibbli jew li ma tilqax l-applikazzjoni, tirrifjuta it-tiġdid, jew li tirtira awtorizzazzjoni għandha tkun miftuha għal appell quddiem il-Bord dwar l-Appelli tal-Immigrazzjoni.

Trasparenza u aċċess għall-informazzjoni.

32. (1) L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni għandu jagħmel disponibbli faċilment għall-applikanti l-informazzjoni dwar l-evidenza dokumentarja kollha meħtieġa għal applikazzjoni u l-informazzjoni dwar l-kondizzjonijiet ta' dħul u residenza, inklużi d-drittijiet, l-obbligi u s-salvagwardji proċedurali ta' ċittadini ta 'pajjiż terz li jaqgħu taħt dawn ir-regolamenti u, fejn applikabbli, il-membri tal-familja tagħhom. Dan għandu jinkludi, fejn applikabbli, il-livell ta' riżorsi suffiċjenti ta' kull xahar, inklużi r-riżorsi suffiċjenti meħtieġa biex ikopru l-ispejjeż tal-istudji jew l-ispejjeż tat-taħriġ, bla ħsara għal eżami individwali ta' kull każ, u l-miżati applikabbli.

(2) Il-Kunsill għandu jippubblika listi ta' organizzazzjonijiet ta' riċerka approvati għall-fini ta' dawn ir-regolamenti. Il-verżjonijiet

VERŻJONI ELETTRONIKA

aġġornati ta’ dawn il-listi għandhom jiġu ppubblikati kemm jista' jkun malajr wara kull bidla li ssirilhom.

Revoka.
L.S. 217.09.
L.S. 217.10.

33. Ir-Regolamenti dwar il-Kondizzjonijiet għad-Dħul ta’ Ċittadini ta’ Pajjiżi Terzi għall–Finijiet ta’ Studju u r-Regolamenti dwar Proċedura Speċjali għal Ċittadini ta’ Pajjiżi Terzi għal Finijiet ta’ Riċerka Xjentifika huma b’dan revokati, mingħajr ħsara għal dak kollu li sar jew li naqas li jsir taħthom.